BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru.** **10/2012**

**Data tal-pubblikazzjoni:** **28 ta' Frar 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar t'Ottubru 2012. Din l-istqarrija tinkludi wkoll aġġornament qasir dwar il-previżjonijiet tal-prodott domestiku gross (PDG).

**Stqarrija dwar l-istatistika monetarja: Ottubru 2012**

**Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro**

Il-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro kibret b'EUR27.8 miljun, jew b'0.3%, f'Ottubru, għal EUR10.3 biljun (ara Tabella 1). Madankollu, minħabba li din iż-żieda kienet inqas minn dik irreġistrata f'Ottubru 2011, ir-rata tat-tkabbir annwali immoderat għal 4.9% f'Ottubru, minn 6.3% f'Settembru.

Iż-żieda xahar fuq xahar fl-M3 seħħet minħabba żieda fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied b'EUR39.8 miljun, jew b'0.4%. Din iż-żieda pattiet għat-tnaqqis ta' EUR12.0 miljun f'titoli negozjabbli, li naqsu minħabba tnaqqis fl-ammont ta' ishma maħruġa mill-fondi tas-suq monetarju f'Malta, u li huma volatili.

It-tkabbir fl-M2 seħħ kompletament minħabba żieda fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas. Dawn id-depożiti marbuta għal żmien qasir kibru bi EUR98.0 miljun, jew bi 2.5%, minħabba żieda mifruxa fuq id-depożitanti u b'mod partikolari fil-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.

Madankollu, iż-żieda fid-depożiti marbuta għal żmien qasir kienet megħluba parzjalment minn tnaqqis sostanzjali fil-komponent monetarju ristrett (M1). Wara diversi xhur konsekuttivi ta' riżultati pożittivi, il-komponent monetarju ristrett naqas b'EUR56.5 miljun, jew b'1.0% f'Ottubru, minħabba tnaqqis fid-depożiti *overnight* miżmuma minn individwi, intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek, u kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet. It-tnaqqis fil-flus maħruġa wkoll ikkontribwixxa għat-tnaqqis fl-M1. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M1 naqset għal 7.6% f'Ottubru, minn 11.6% f'Settembru.

Id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M2, niżlu b'EUR1.7 miljun, jew b'1.2%.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lir-residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro naqas b'EUR273.3 miljun, jew b'1.7%, hekk kif naqas il-kreditu lill-gvern ġenerali u

lill-bqija tas-setturi tal-ekonomija. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali naqset għal -2.1%, minn -0.9% f'Settembru.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'EUR200.8 miljun, jew b'5.3%, u dan irrifletta tnaqqis fl-ammonti miżmuma mill-banek ta' titoli maħruġa minn gvernijiet fiż-żona tal-euro. Sadattant, il-kreditu lil setturi oħra naqas bi EUR72.4 miljun, jew b'0.6%, minħabba tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji privati mhux finanzjarji.

B'kuntrast għal dan, il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn l-IFM Maltin u residenti ta' pajjiżi barra ż-żona tal-euro, kibret b'EUR655.0 miljun, jew b'7.4%. Dan irrifletta tnaqqis konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet barranin, partikolarment lil istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro. L-assi barranin naqsu wkoll, għalkemm b'rata inqas mgħaġġla, prinċipalment minħabba tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi barra ż-żona tal-euro.

Il-kategorija 'il-kontropartijiet l-oħra', li taħdem bil-maqlub tal-M3, kibret bi EUR354.0 miljun, jew bi 2.4%. Dan it-tkabbir seħħ minħabba żieda f'obbligazzjonijiet oħra (netti), li jinkorporaw transazzjonijiet interbankarji bejn istituzzjonijiet ta' kreditu taż-żona tal-euro. Żieda fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal fil-forma ta' depożiti esklużi mill-aggregat monetarju sħiħ, u kapital u riżervi, ikkontribwew ukoll, għalkemm b'rata ħafna inqas. Min-naħa l-oħra, dawn iż-żidiet kienu parzjalment megħluba minn tnaqqis fid-depożiti tal-gvern ċentrali mas-settur bankarju, li kien dovut għal tnaqqis fid-depożiti miżmuma mill-gvern Malti.

## Transazzjonijiet ma' residenti Maltin: depożiti u self

F'Ottubru, id-depożiti ta' residenti Maltin miżmuma ma' IFM Maltin kibru b'EUR26.6 miljun, jew b'0.3%, fuq ix-xahar ta' qabel (ara Tabella 2). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali battiet għal 5.2%, minn 5.7% f'Settembru.

Iż-żieda fid-depożiti seħħet kompletament minħabba żieda fil-bilanċi li għandhom perjodu ta' maturità ta' sentejn jew inqas. Dawn id-depożiti kibru b'EUR69.3 miljun, jew b'1.9%, l-aktar minħabba bilanċi miżmuma minn intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u kumpaniji mhux finanzjarji. Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn individwi, u dan irrifletta ċaqliq lejn depożiti fuq żmien itwal barra l-M3 matul ix-xahar.

Id-depożiti *overnight*, li kienu żdiedu malajr fix-xahar ta' qabel, naqsu b'EUR41.0 miljun, jew b'0.8%, u dan irrifletta tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn individwi, intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek u kumpaniji tal-assigurazzjoni u fondi tal-pensjonijiet. Fl-istess ħin, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas naqsu b'EUR1.7 miljun, jew b'1.2%, hekk kif naqsu l-bilanċi miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji.

Il-kreditu mogħti minn IFM Maltin lil residenti Maltin naqas b'EUR94.6 miljun, jew b'0.8%, hekk kif naqas il-kreditu mogħti kemm lill-gvern ġenerali u kemm lis-setturi l-oħra tal-ekonomija. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu battiet għal 2.7% minn 3.8% f'Settembru.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'EUR81.6 miljun, jew bi 3.3%, minħabba tnaqqis fl-ammont ta' *bills* tat-Teżor miżmuma minn IFM, flimkien ma' tnaqqis fis-self mogħti lill-gvern. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali battiet għal 1.5% f'Ottubru, minn 6.4% xahar qabel.

Sadattant, il-kreditu lil residenti oħra naqas bi EUR13.0 miljun, jew b'0.1%, l-aktar minħabba tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji privati mhux finanzjarji li joperaw fis-setturi tal-kostruzzjoni, tat-trasport u l-ħażna, u tal-manifattura. Dan għeleb iż-zieda

fis-self mogħti lill-korporazzjonijiet pubbliċi mhux finanzjarji u lill-individwi. Minħabba f'hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lil residenti barra l-gvern ġenerali battiet għal 3.0% minn 3.1% f'Settembru.

### Assi barranin netti tal-IFM Maltin

F'Ottubru, l-assi barranin netti miżmuma minn IFM Maltin żdiedu b'EUR46.8 miljun, jew b'0.4%, hekk kif tnaqqis konsiderevoli fl-obbligazzjonijiet barranin kien kemxejn aktar minn tnaqqis fl-obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 2). It-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin seħħ minħabba tnaqqis fis-self barrani meħud minn banek lokali, flimkien ma' tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn residenti barranin. Sadattant, it-tnaqqis fl-obbligazzjonijiet barranin irriżulta primarjament minn tnaqqis fid-depożiti bankarji miżmuma minn IFM barranin. Kollox ma' kollox, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-assi barranin netti battiet għal 9.0% minn 9.5% xahar qabel.

### Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti

F'Ottubru, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM Maltin fuq id-depożiti kollha ta' individwi u ta' kumpaniji mhux finanzjarji Maltin telgħet b'żewġ punti bażi għal 1.42%.

Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta naqset b'erba' punti bażi għal 4.31%.

Ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet tliet punti bażi iktar minn dik ta' Ottubru 2011, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet tmien punti bażi inqas minn dik ta' sena qabel.

### Reviżjoni tat-tbassir ekonomiku

Fuq il-bażi ta' statistika aġġornata tal-PDG, il-Bank Ċentrali ta' Malta qed jirrevedi t-tbassir makroekonomiku tiegħu għall-2012 u l-2013.

It-tbassir tal-Bank Ċentrali ta' Malta li għadu kemm kien ippubblikat fir-Rivista ta' Kull Tliet Xhur juri tkabbir fil-PDG reali ta' 1.1% fl-2013. Dan kien ibbażat fuq statistika fuq il-kontijiet nazzjonali li kienet disponibbli meta sar dak it-tbassir u li kopra l-perjodu sal-aħħar tat-tieni trimestru tal-2012. Bħala parti mill-eżerċizzju kontinwu tat-tbassir, li se jkun ippubblikat fir-Rapport Annwali, u konformi mal-istatistika għat-tielet trimestru tal-2012, it-tkabbir tal-PDG għal 2013 issa huwa stmat li jkun 1.6%, li jirrifletti reviżjonijiet 'l fuq fir-rata tat-tkabbir tad-domanda domestika.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta www.centralbankmalta.org***

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM(1)(2)

*€ miljuni*

| | Ott-12 | Set-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ott-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI(3)** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **5,872.6** | **5,929.1** | **-56.5** | **-1.0** | **5,455.4** | **417.2** | **7.6** |
| Flus maħruġa(4) | 715.8 | 718.7 | -3.0 | -0.4 | 701.6 | 14.2 | 2.0 |
| Depożiti *overnight* (5) | 5,156.8 | 5,210.4 | -53.6 | -1.0 | 4,753.8 | 403.0 | 8.5 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,115.7** | **10,075.9** | **39.8** | **0.4** | **9,602.3** | **513.4** | **5.3** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 5,872.6 | 5,929.1 | -56.5 | -1.0 | 5,455.4 | 417.2 | 7.6 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas(5) | 144.0 | 145.7 | -1.7 | -1.2 | 125.9 | 18.1 | 14.4 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas(5) | 4,099.1 | 4,001.0 | 98.0 | 2.5 | 4,020.9 | 78.1 | 1.9 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,306.1** | **10,278.3** | **27.8** | **0.3** | **9,820.6** | **485.6** | **4.9** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,115.7 | 10,075.9 | 39.8 | 0.4 | 9,602.3 | 513.4 | 5.3 |
| Titoli negozjabbli(6) | 190.5 | 202.5 | -12.0 | -5.9 | 218.3 | -27.8 | -12.7 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **15,687.4** | **15,960.6** | **-273.3** | **-1.7** | **16,027.1** | **-339.7** | **-2.1** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,617.7 | 3,818.5 | -200.8 | -5.3 | 4,753.4 | -1,135.8 | -23.9 |
| Self lil setturi oħra | 12,069.7 | 12,142.1 | -72.4 | -0.6 | 11,273.7 | 796.0 | 7.1 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **9,447.7** | **8,792.7** | **655.0** | **7.4** | **8,339.6** | **1,108.1** | **13.3** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 31,865.9 | 32,533.9 | -668.0 | -2.1 | 28,944.2 | 2,921.6 | 10.1 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 22,418.2 | 23,741.2 | -1,323.1 | -5.6 | 20,604.7 | 1,813.5 | 8.8 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **14,828.9** | **14,474.9** | **354.0** | **2.4** | **14,546.1** | **282.8** | **1.9** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 560.2 | 945.9 | -385.7 | -40.8 | 626.9 | -66.7 | -10.6 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 12,573.6 | 12,506.2 | 67.4 | 0.5 | 11,787.4 | 786.1 | 6.7 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 1,695.1 | 1,022.8 | 672.3 | 65.7 | 2,131.8 | -436.7 | -20.5 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI[1]

*€ miljuni*

| | Ott-12 | Set-12 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Ott-11 | Bidla Annwali | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI[2]** | **8,856.6** | **8,830.1** | **26.6** | **0.3** | **8,417.6** | **439.0** | **5.2** |
| Depożiti *overnight* | 4,984.9 | 5,025.9 | -41.0 | -0.8 | 4,620.0 | 364.9 | 7.9 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 142.2 | 144.0 | -1.7 | -1.2 | 123.9 | 18.4 | 14.8 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,729.5 | 3,660.3 | 69.3 | 1.9 | 3,673.8 | 55.7 | 1.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,055.6** | **11,150.2** | **-94.6** | **-0.8** | **10,768.0** | **287.6** | **2.7** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,372.0 | 2,453.6 | -81.6 | -3.3 | 2,335.9 | 36.1 | 1.5 |
| Self lil setturi oħra | 8,683.6 | 8,696.6 | -13.0 | -0.1 | 8,432.1 | 251.5 | 3.0 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **12,191.9** | **12,145.1** | **46.8** | **0.4** | **11,182.7** | **1,009.2** | **9.0** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 42,818.6 | 43,876.0 | -1,057.4 | -2.4 | 41,488.2 | 1,330.4 | 3.2 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 30,626.7 | 31,730.9 | -1,104.2 | -3.5 | 30,305.5 | 321.2 | 1.1 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.
(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.